# 3

## *Ufficcju tal-Magistrat. Gurnata.*

## *Xi karti jtiru mill-ufficcju*

| | |
|---|---|
| PHEL | Minn fejn gejjin sinjorina Belot dal-buffuri ta' l-arja ? |
| BELOT | Wahda biss dejjem l-istess wahda<br>Meta jonfoh ir-rih mit-tramuntana<br>Dik il-hgiega li ma bdilniex<br>Jien ghedtilhom biha hemm fuq |
| PHEL | Verbalment? |
| BELOT | Ghamilt notament |
| PHEL | Erga' ghidilhom lil dal-hmir<br>kunjomok |
| DELILE | Intom tafuh minn mindu sejjahtuli |
| PHEL | Pero Sur Delile<br>Il-kunjomijiet tieghek isem eta' stat professjoni |
| DELILE | Delile Pierre 53 sena mizzewweg b'tifel konsulent tal-klijent |

| | |
|---|---|
| | Bricomarket |
| PHEL | Li joqghod |
| DELILE | 2 Chemin de la Tourelle Orleans |
| PHEL | Int tigi minn jew habib ta' Blache Nicolas jew kont fis-servizz tieghu ? |
| DELILE | Fis-servizz tieghu ?  Kien hu ghas-servizz tieghi |
| PHEL | Jekk joghgbok wiegeb iva jew le |
| DELILE | Le |
| PHEL | Ahlef li tghid il-verita' kollha u xejn inqas mill-verita' |
| DELILE | Nahlef |
| PHEL | Jien qed nisimghek bhala xhud fil-kaz ta' qtil ta' Blache Nicolas li sar matul il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju |
| DELILE | Jien ma kont xhud ta' xejn |
| PHEL | Imma kont taf sewwa u ghal zmien twil 'il vittma<br><br>Irrid li tkellimni dwaru<br><br>Li tghid dak li taf fuqu u anke li tirrakkontali dwar ir-relazzjoni tieghek mieghu |
| | |

| | |
|---|---|
| DELILE | Trid tghid is-Sinjur Blache ? |
| PHEL | Tidher agitat mhux hazin<br><br>... il-vittma<br><br>U t-taqlib li mmarka din ir-relazzjoni u jekk inti kontx taf b'xi ghedewwa |
| DELILE | Sakemm kollox kien miexi sewwa ghalih |
| PHEL | Ghal min ? |
| DELILE | Ma niftakarx<br><br>Skuzani Sur Magistrat |
| PHEL | Qed nisimghek |
| DELILE | Jien dahhaltu lil Blache |
| PHEL | Fejn gara dan ? |
| DELILE | Jien impjegajtu |
| PHEL | Ippreciza fejn kif u f'liema tip ta' mpjieg |
| DELILE | Bhala inginier |
| PHEL | Int kont |
| DELILE | Maniger tal-Fabrikazzjoni tad-Divizjoni tas-Sezzjoni tal-Karti tal-Kumpanija Grange gewwa Orleans konna nipproducu d-djarji |

| | |
|---|---|
| PHEL | L-eta' tieghek dak iz-zmien ? |
| DELILE | Tnejn u tletin sena kont dhalt nahdem ma' Grange malli lestejt mis-servizz militari fil-kwalita' ta' warehouseman |
| PHEL | U bqajt tiela' fil-gradi ?<br><br>Minghajr ma ghamilt ebda studji superjuri<br><br>Dak li mhux daqshekk tas-soltu |
| DELILE | Is-Sur Grange mal-ewwel induna li jien kont zekziek u deffies inventiv<br><br>Kont indahhal imniehri kullimkien u kont ingiblu l-idejat biex inaqqas il-cost prices<br><br>Tani t-titlu ta' kap tas-servizzi imbaghad Maniger |
| PHEL | Inti impjegajt lil Blache li kien inginier ta' skola kbira u li spicca taht l-ordnijiet tieghek<br><br>Dan forsi ma setax kien semplici |
| DELILE | Hu hu kellha l-arti ta' l-innovazzjoni<br><br>It-territorju tieghu kien li tevolvi l-prodott billi tanticipa l-bidla fil-gosti tal-konsumaturi<br><br>Konna nikkumplimentaw lil xulxin gieli kien hemm xi tensjoni bejnietna ghax li tbiddel il-mudelli dan kien ifisser li ridna nsibu ghodda godda qabel ma jkunu battew il-qodma<br><br>Kien hemm bzonn li s-surcharge 'il fuq mill-prezzijiet tigi assorbita lil hemm minn zieda fil-volum tan-negozju<br><br>Hafna drabi l-introduzzjoni ta' mudell gdid kien jikkawza qabza 'l quddiem fil-bejgh irnexxielna niskappaw ghal hmistax-il sena l-assalti kollha tal-kompetituri |

| | |
|---|---|
| | Mentri dawn kienu ghaxar jew hmistax-il darba iktar b'sahhithom minna<br><br>Imma konna niffurmaw tim ilvent entuzjast maghqud hafna |
| PHEL | Int u hu ? |
| DELILE | Iva |
| PHEL | Qatt ma kien hemm dell wiehed ? |
| DELILE | Professjonalment qatt |
| PHEL | U fuq il-livell ta' hajja privata ? |
| DELILE | Kien tella' post hdejn tieghi<br><br>Konna nohorgu flimkien |
| PHEL | Kontu hbieb ? |
| DELILE | Tista' tghid hekk |
| PHEL | Imbaghad bridtu ? |
| DELILE | Banali dawn l-affarijiet jigru<br><br>Imma dan ma waqqaf xejn hlief |
| PHEL | Storja tan-nisa ? |
| DELILE | Wara ftit zmien ergajna rrangajna |
| | |

| | |
|---|---|
| PHEL | Tista' tirrakkuntali ftit fid-dettal dwar din il-firda ? |
| DELILE | Dawn il-grajjiet iccajpru<br><br>Wiehed jinsa |
| PHEL | Veru ? |